# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgha, 24 ta' Novembru, 2021**

Avviz tat-Talba numru: **222/2020**

**CITADEL INSURANCE PLC [C-21550] KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET TA' L-ASSIGURATA TAGHHA MARIA ODETTE FARRUGIA, BIL-POLZA U BIL-LIGI, U L-ISTESS MARIA ODETTE FARRUGIA**

***VERSUS***

**KUNSILL LOKALI HAL QORMI**

B'Avviz tat-Talba introdott fit-22 ta' Settembru, 2020, l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas s-somma ta' erbgha mija u ghoxrin ewro u tnax-il centezmu (€420.12c) u dan wara li ppremettew hekk:

> Illi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LDA-883 hija l-proprjetà tar-rikorrenti Maria Odette Farrugia u hi assigurata mas-socjetà rikorrenti Citadel Insurance plc.
>
> Illi nhar is-6 ta' Ottubru, 2018, il-vettura tar-rikorrenti kienet qed tigi misjuqa minn Mark Farrugia li kien ghaddej mit-Triq il-Wied, Hal Qormi, liema triq jirrizulta li ma kinitx fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. Minhabba dan, il-vettura tar-rikorrenti garrbet hsarat, kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza.
>
> Illi ezattament qabel l-istabbiliment 'Razzett Antik', kien hemm hofra fit-triq, li fid-dlam u minhabba li kienet ix-xita ma kinitx tidher.
>
> Illi b'konsegwenza ta' din il-hofra, kkawza [*recte*: gew imgarrba] hsarat mal-qiegh tal-vettura tar-rikorrenti.
>
> Illi l-intimat huwa responsabbli ghall-manutenzjoni ta' din it-triq u konsegwentement ghandu jirrispondi ghad-danni li garrab [*recte*: garrbu] ir-rikorrenti.
>
> Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qieghdin jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal jiddikjara li l-intimat, huwa responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti, u dan minhabba, *inter alia*, negligenza u/jew non-kuranza fiz-zamma u manutenzjoni tat-triq.

Illi jigu likwidati d-danni sofferti mir-rikorrenti fis-somma ta' erbgha mija u ghoxrin ewro u tnax-il centezmu (€420.12c) jew somma verjuri[1] li tistabilixxi [*recte*: jistabilixxi] dan it-Tribunal.

Konsegwentement, li l-istess intimat jigi kkundannat jhallas id-danni sofferti mill-mittenti, li jammontaw ghal erbgha mija u ghoxrin ewro u tnax-il centezmu (€420.12c) konsistenti f'€55.00c rapprezentanti excess imhallsa mill-attrici Maria Odette Farrugia u tlett mija, hamsa u sittin ewro u tnax-il centezmu (€365.12c) imhallsa mis-socjetà attrici.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali 2412/2019 intavolata fil-11 ta' Novembru, 2019, u l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimat li hu minn issa ingunt in subizzjoni.

Il-konvenut gie notifikata bl-Avviz tat-Talba fit-13 ta' Ottubru, 2020 (ara *a tergo* ta' *fol*. 6) u ressqet Risposta fl-4 ta' Novembru, 2020 (ara *a foll*. 7–11) fejn eccepixxa dan:

1. Illi fl-ewwel lok il-Kunsill intimat ma giex imharrek skond il-Ligi;

2. Illi subordinatament, il-Kunsill Lokali Hal Qormi ma huwa bl-ebda mod responsabbli ghall-allegat incident u ghall-allegati danni konsegwenzjali;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti iridu jgibu prova tad-danni realment subiti minnhom, u li dawn id-danni kienu r-rizultat dirett tal-allegat incident;

   Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-Ligi.

   Bl-izpejjez, inkluz tal-ittra ufficjal tas-6 ta' Jannar, 2020, kontra r-rikorrenti li huma ingunti minn issa tess ghas-subizzjoni.

Il-prezenti hija sentenza preliminari – skond dak imfisser fid-digriet tat-Tribunal tat-30 ta' Lulju, 2021 – li sejra tqis biss, f'dan l-istadju tal-procediment, l-ewwel eccezzjoni tal-Kunsill Lokali konvenut.

It-Tribunal jikkunsidra;

L-eccezzjoni relattiva hija l-ewwel wahda u din taqra hekk: "*Illi fl-ewwel lok il-Kunsill intimat ma giex imharrek skond il-Ligi.*"

Fid-dawl tal-generalità ta' kif din l-eccezzjoni giet redatta, fil-verbal ta' l-ewwel udjenza, datata l-4 ta' Novembru, 2020 (*a fol*. 12), kien gie indikat hekk: "*It-Tribunal ha konjizzjoni tal-atti u minnhom jirrizulta illi l-kawza hija kontestata fil-mertu, salv kjarifika dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Kunsill Lokali Konvenut.*"

Fl-udjenza successiva, dik tad-19 ta' Jannar, 2021, gie registrat dan mill-avukat difensuri ta' l-atturi: "*Dr. Rose Galea Testaferrata tinforma lit-Tribunal illi fil-mori tad-differiment ser tkun qed tressaq rikors sabiex l-ewwel eccezzjoni tigi indirizzata*."

L-atturi ressqu l-imsemmi rikors fit-8 ta' Lulju, 2021 illi permezz tieghu, u ghar-ragunijiet fih espressi, talbu hekk: "*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti jitolbu umilment lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jichad din l-eccezzjoni u jkompli bis-smiegh tal-kawza jew sussidjarjament isir korrezzjoni fis-sens li l-okkju tal-kawza tinbidel u minflok tinqara 'Kunsill Lokali Hal Qormi (Città Pinto)'.*"

---

[1] Effettivament, hekk kif registrat fil-verbal ta' l-udjenza tat-13 ta' Lulju, 2021 l-ammont ta' hsarat domandat f'dawn il-proceduri gie mnaqqas u ridott ghal €365.12c.

Fl-udjenza tat-13 ta' Lulju, 2021 id-difensur tal-Kunsill konvenut irregistra (u kjarifika) dan: "*Dr. Simon Cachia, ghall-Kunsill Lokali Konvenut, b'risposta ghar-rikors tal-Atturi tat-8 ta' Lulju, 2021 jiddikjara illi, skond il-Ligi, il-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi kellu jigi mharrek skond is-segwenti: "Sindku u Segretarju Ezekuttiv ghan-nom u in rapprezentnaza tal-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi". Ghal kull bwon fini, jekk ir-rikorrenti jixtiequ jikkoregu l-okkju tal-kawza f'dan is-sens, l-intimata m'ghandiex oggezzjoni*."

Fl-istess verbal ta' l-udjenza tat-13 ta' Lulju, 2021, dan l-episodju kien thalla ghal digriet kamerali. Madanakollu, b'digriet emess fit-30 ta' Lulju, 2021 it-Tribunal kien – in virtù ta' dak provdut fl-Art. 9(1) tal-Kapitolu 308 tal-Ligijiet ta' Malta (ossia li "*ġudikatur jirregola l-proċedimenti quddiemTribunal kif ikun jidhirlu xieraq skont id-dettami tal-ġustizzja naturali*") – irrevoka *motu proprio* u *contrario impero* il-provvediment fl-appena imsemmi verbal (cioè dik il-parti tieghu li kienet tghid illi "*It-Tribunal jirrizerva li jipprovdi digriet in camera dwar dan l-episodju*") u minflok iddekreta illi fl-udjenza li jmiss, dik odjerna, kellha tinghata sentenza preliminari dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut. Il-motiv wara dan, hekk kif spjegat f'tali digriet, kien illi, "*it-Tribunal jikkunsidra illi kif inhi redatta u konfezzjonata t-talba tal-parti attrici fir-rikors taghha tat-8 ta' Lulju, 2021 (viz. biex tigi rigettata l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut sabiex jissokta s-smiegh tal-kawza jew li, b'mod alternattiv, issir korrezzjoni fis-sens li l-okkju tal-kawza jinbidel kif indikat fl-istess rikors), dan ikun ifisser illi – dejjem skond dak li jigi dekretat – l-emissjoni ta' semplici digriet in camera jaf jinnewtralizza eccezzjoni u jgibha fix-xejn jew alrimenti implictament jilqa' l-istess. Naturalment, eccezzjoni trid tigi milqugha jew michuda permezz ta' sentenza u certament mhux tramite semplici digriet. Ghalhekk, ikun proceduralment opportun u ritwalment korrett li ma jinghata l-ebda digriet in camera izda li minflok tinghata sentenza preliminari fuq il-prezenti kwistjoni.*"

It-Tribunal jikkunsidra ulterjorment;

Hawnhekk ghandha episodju alkwantu semplici, ossia ta' kif ghandu jitharrek Kunsill Lokali fi procediment gudizzjarju.

Id-domanda li tehtieg risposta hija din: Kunsill Lokali ghandu jippartecipa fi proceduri gudizzjarji f'ismu proprju u wahdu (ossia bla ma jigu indikati r-rapprezentanti legali u guridici tieghu) jew inkella huwa necessarju li jkun is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tieghu illi jigu wkoll indikati li qed jagixxu ghan-nom in rapprezentanza ta' l-istess?

Skond il-parti konvenuta, il-Kunsill Lokali kellu korrettement jitharrek tramite r-rapprezentanti fizici tieghu, ossia tramite s-Sindku u Segretarju Ezekuttiv ghan-nom u in rapprezentaza tal-istess Kunsill, filwaqt li l-parti attrici tikkontendi li dan gie citat *in gudizio* b'mod korrett u li, *se mai*, l-isem relattiv ghandu jinbidel ghal «Kunsill Lokali Hal Qormi (Città Pinto)» hekk kif previst fl-iskedi tal-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa necessarju li wiehed idawwar harstu lejn il-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta "Att Dwar il-Gvern Lokali" li hija dik il-legislazzjoni primarja – fost ohrajn, anke sussidrjarji – li twelled u tirregola l-Kunsilli Lokali. L-Art. 3(2) ta' l-imsemmi Kapitolu jghid hekk: "*Il-Kunsill Lokali huwa korp statutorju ta' gvern lokali b'personalità legali distinta bis-setgha li jaghmel kuntratti, li jharrek u li jkun imharrek, u li jaghmel kull hag'ohra u li jidhol f'dawk it-transazzjonijiet li huma incidentali jew li jwasslu ghall-ezercizzju u ghall-qadi tal-funzjonijiet tieghu skond dan l-Att*." Enfazi hawnhekk issir ghall-kliem "*korp statutorju ta' gvern lokali*" li ghandu *"personalità legali distinta*" u li ghandu l-poter, *inter alia*, *"li jharrek*" u anke *"li jkun imharrek*" fi proceduri gudizzjarji. Tali citati verbi, nomi u aggettivi jindikaw l-awtonomija ta' kwalsiasi Kunsill Lokali li

jagixxi u li jiffunzjona bhala enti guridika *a se stante*, bla ebda necessità li persuni li jikkomponuh (jew fi hdanu) jagixxu f'vesti rapprezentattiva

Tali awtonomija hi riflessa f'diversi legislazzjonijiet sussidjarji li jitkellmu dwar numerevoli Kunsilli Lokali. B'mod partikolari, l-awtonomija tal-Kunsill Lokali *de quo* tohrog spikkata fil-Ligi Sussidjarja 363.34 intolata "*Bye-Laws Dwar Uzu ta' Facilitajiet (Kunsill Lokali Qormi)*", fil-Ligi Sussidjarja 363.49 intolata "*Bye-Laws Dwar l-Organizzazzjoni ta' Korsijiet (Kunsill Lokali Qormi)*" u fil-Ligi Sussidjarja 363.50 intolata "*Bye-Laws Dwar Reklami Fuq Ghamara tat-Toroq (Kunsill Lokali Qormi)*". Minn qari tad-diversi disposizzjonijiet relattivi kontenuti f'tali citati legislazzjonijiet tohrog palezi r-rikonoxximent legislattiv tal-Kunsill Lokali Hal Qormi bhala enti *a se stante* kif deskritt u definit taht l-Art. 3(2) tal-Kapitolu 363 fuq citat, li jista' jagixxi bhala "*korp statutorju ta' gvern lokali b'personalità legali distinta*".

Ghalkemm fl-istess Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta hemm l-Art. 27 – li jghid illi "*Ir-rapprezentanza legali u guridika tal-Kunzill tkun vestita fis-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv li jistghu iharrku u jkunu mharrka f'isem il-Kunsill ukoll meta l-kaz jirreferi ghal atti maghmula qabel iz-zmien tal-kariga jew hatra taghhom skont il-kaz*" – tali disposizzjoni ma tfissirx illi Kunsill Lokali partikolari ma jistax ikun citat *in giudizio* b'ismu u f'ismu *proprio*. Lanqas ma tfisser li Kunsill Lokali, sew biex iressaq kawza u sew jekk irid jiddefendiha, irid necessarjament jitnizzel bin-nomenklatura specifika "*Sindku u Segretarju Ezekuttiv ghan-nom u in rappresentanza ta'* ...". Dan ghas-semplici raguni li l-Art. 27 ghandu jittiehed bhala disposizzjoni li tidentifika min huma l-persuni fizici li jamministraw is-setghat diga' vesistiti fil-Kunsill Lokali u min jaghmel l-istess Kunsill jiffunzjona. L-Art. 27 jikkumpimenta l-Art. 3(2), imma mhux jiehu s-soppravvent fuqu. Il-mekkanizmu kontemplat fl-Art. 27 jamplifika dak sancit fl-Art. 3(2), izda mhux jinnewtralizzah jew jissostitwieh.

Is-simbjozi u l-koezistenza ta' l-Art. 3(2) u l-Art. 27 huma mhaddna u mhaddma fl-Art. 181A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ewwel sub-inciz ta' l-Art. 181A jidentifika illi, "*Meta tiġi preżentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalità ġuridika distinta, ikun biżżejjed li wieħed iniżżel isem dak il-korp*." Imbaghad, fit-tieni sub-inciz tieghu jitkellem dwar "*Kull dikjarazzjoni, jew skrittura li għandha tinħalef skont il-liġi għandha, fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, tinħalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpannija jew minn kull persuna oħra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tippreżenta atti ġudizzjarji f'ismu jew li jagħmel dikjarazzjoni, risposta ġuramentata jew skrittura bħal dawk imsemmija*." Ghalhekk, il-Ligi tirrikonoxxi l-awtonomija guridika ta' enti morali jew ta' korp b'personalità guridika distinta *a se stante*, izda ghal dak li jikkoncerna l-estrinsekazzjoni tas-setghat funzjonali u/jew gestjonali, l-istess Ligi thallihom f'idejn il-persuna (jew persuni) li ghandha d-debita kapacità ta' rapprezentanza ta' l-istess enti jew ta' korp. Dwar dan l-aspett, it-Tribunal jirreferi ghas-sentenza ta' dan it-Tribunal, diversament presedut, *in re* **Charles Pisani ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetá J & C Pisani Limited v. Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetá Suda Entertainments Limited bhala operatur ta' Pepenero (Heat) u Heat Lounge Bar**, moghtija fis-16 ta' Novembru, 2021, partikolarment ghall-osservazzjoni mwettqa fl-ewwel *footnote* ta' dik is-sentenza, illi l-prezenti Tribunal, kif issa presedut, jikkondividi pjenament.

B'analogija, kumpannija hi legislattivament kunsidrata bhala "korp guridiku" (li tfisser kull entità li ghandha personalità legali distinta minn dik tal-membri taghha, u tinkludi korporazzjoni barranija) u dan skond id-definizzjoni misjuba taht l-"Att Dwar il-Kumpaniji" (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta). Skond l-Art. 4(4) tal-Kapitolu 386, "*Soċjetà kummerċjali għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membru jew tal-membri tagħha, u l-imsemmija personalità*

*ġuridika tibqa' sseħħ sakemm l-isem tas-soċjetà kummerċjali ma jiġix imħassar mir-reġistru, u b'hekk is-soċjetà kummerċjali tieqaf teżisti*." Imbaghad, l-Art. 137(3) jispecifika illi "*In-negozju ta' kumpanija jitmexxa mid-diretturi li jistgħu jeżerċitaw dawk is-setgħat kollha tal-kumpanija ...*".

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, tali principji u normi legilsattivi japplikaw ukoll ghal Kunsill Lokali.

Ta' din l-istess fehma kienet il-Qorti ta' l-Appell (sede superjuri) *in re* **Waste Control Services Limited v. Kunsill Lokali tal-Mosta**, deciza fid-19 ta' Gunju, 2001. F'tali proceduri kien tqajjem aggravju fl-appell li kien jghid – bhal fil-kaz taghna – illi l-Kunsill Lokali hemmhekk imharrek "*ma giex citat skond ir-rappresentanza legali stabbilita mill-att dwar il-Kunsilli Lokali*" u, ghalhekk, dan kien ifisser li l-kawza kif dedotta ma kinitx saret b'mod validu. Il-Qorti ta' l-Appell kellha dan xi tghid dwar tali materja: "*Illi, skond din il-Qorti, ghalkemm il-ligi relativa taghti r-rappresentanza legali ta' Kunsill Lokali f'idejn persuni partikolari, dana ma jfissirx li l-Kunsill, bhala entità jew korp morali, legali, u awtonomu, ma jistax jigi citat f'kawza f'ismu, u minghajr il-htiega jigifieri li jigu citati wkoll l-ismijiet tas-sindku u tas-segretarju tieghu. Ovvjament, jekk imbaghad ser jagixxi xi hadd f'isem il-Kunsill Lokali, dan ix-xi hadd ma jistax ikun il-gebel jew il-bini li fih hemm is-sede tal-Kunsill, imma jkun allura jispetta proprju lir-rappresentanti legali nominati ghal daqstant mil-ligi stess biex jidhru ghall-Kunsill Lokali.*"

Fil-kaz *in re* **Kunsill Lokali Mellieha et v. Central Mediterranean Development Corporation** (Prim'Awla, 25 ta' Frar, 2005), inghad illi "*skond is-sub-artikolu (2) ta' l-Artikolu 3 tal-Kap. 363 tal-Ligijiet ta' Malta, jinghad li Kunsill Lokali «shall be a statutory local government authority having a distinct legal personality ….» u konsegwentement japplikaw fil-konfront tieghu, il-provvedimenti ta' l-Artikolu 181A tal-Kap. 12 li jipprovdi li meta tigi prezentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalità guridika distinta, ikun bizzejjed li wiehed inizzel isem dak il-korp. Fil-kaz in ezami l-Kunsill Lokali Mellieha huwa indikat bhala parti in kawza u isem is-Sindku jew alternattivament l-assenza tas-Segretarju Ezekuttiv huma rrilevanti.*" Similment, *in re* **Kunsill Lokali ta' l-Mgarr Malta v. Benjamin Bezzina** (Prim'Awla, 23 ta' Marzu, 2006), b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni tal-parti mharrka, il-Qorti kienet iddecidiet illi l-istess eccezzjoni "*ma hiex sostenibbli, u dana peress illi la darba il-Kunsill attur ghandu personalità guridika indipendenti, skond l-artikolu 181A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, hu bizzejjed li wiehed inizzel isem dak il-korp. Ghal fini tad-dikjarazzjoni guramentata, din ovvjament, trid tkun mahlufa mir-rappresentanti ta' dak il-korp guridiku.*"

Ukoll, *in re* **Salv Trading Limited v. Kunsill Lokali Birkirkara** (Prim'Awla, 9 ta' Lulju, 2019), kien hemm eccezzjoni simili ghal dik tal-kaz taghna. F'tali proceduri kien hemm din l-eccezzjoni: "*Illi fl-ewwel lok, huma s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv li skont il-liġi jirrappreżentaw lil Kunsill Lokali u għalhekk trid issir korrezzjoni fl-okkju ta' dawn l-atti*." Il-Qorti kienet iddipensat minn tali eccezzjoni hekk: "*Illi l-ewwel eċċezzjoni hija frivola u vessatorja. Skont Art. 181A(1) tal-Kap 12, "Meta tiġi ppreżentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalità ġuridika distinta, ikun biżżejjed li wieħed iniżżel isem dak il-korp". Għalhekk sejra tiġi miċħuda.*" F'dan is-sens ara wkoll *in re* **Derek Fenech v. Jason Carabott et** (Prim'Awla, 16 ta' Ottubru, 2018) fejn eccezzjoni simili giet respinta u rigettata mill-Qorti.

L-istess materja kienet iffurmat parti mill-proceduri *in re* **Dr André Borg noe v. Kunsill Lokali Gzira** (Prim'Awla, 12 ta' Gunju, 2020). Il-Kunsill konvenut kien qed jeccepixxi b'mod preliminari li skont l-artikolu 27 tal-Kap. 363 tal-Ligijiet ta' Malta, dawk il-proceduri kellhom isiru kontra s-Sindku u kontra s-Segretarju Ezekuttiv ta' l-istess Kunsill konvenut, u dan bhala rapprezentanti legali u guridici tieghu. Madanakollu il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ma qablitx ma' tali ragunament u qalet illi, "*Is-subartikolu 3(2) tal-istess Kap. 363 jipprovdi li «Il-Kunsill Lokali*

*huwa korp statutorju ta' gvern lokali b'personalità legali distinta». B'hekk hu applikabbli fil-konfront tal-Kunsill konvenut l-artikolu 181A tal-Kap. 12, liema artikolu tal-liġi jgħid hekk: «Meta tiġi preżentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalità ġuridika distinta, ikun biżżejjed li wieħed iniżżel isem dak il-korp.» Dan ifisser li kuntrarjament għal dak li qed isostni l-Kunsill konvenut, m'hemmx bżonn għal raġunijiet ta' validità li l-azzjoni tiġi magħmula kontra rrappreżentanti legali u ġuridiċi tiegħu.*"

Fid-dawl ta' dak fuq imfisser, dan it-Tribunal, konformement ma' l-orjentament gurisprudenzjali fuq senjalat, iqis l-ewwel eccezzjoni tal-Kunsill Lokali f'dan il-kaz bla ebda valur.

Ghal dan it-Tribunal, il-kwistjoni dwar ir-rappresentanza tal-Kunsill konvenut hija materja irrilevanti u dan peress li, ghalkemm huwa minnu il-Ligi (Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta) taghti r-rappresentanza legali u guridika tal-Kunsill Lokali Hal Qormi f'idejn is-Sindku u s-Segretarju ta' l-istess, l-imsemmi Kunsill Lokali huwa, u jibqa' dejjem, entità morali indipendenti u awtonoma. Kwindi, skond il-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), mhux mehtieg li jigi mharrek bl-isem il-persuna li ghandu r-rappresentanza ta' l-istess entità jew korp statutorju, u dan bis-sahha ta' l-Art. 181A ta' tali Kodici, kif hawn fuq rilevat. Kif diga' affermat, kumpanija kummercjali ghandha wkoll ir-rappresentanza legali taghha stabbilita bil-ligi jew bl-att kostituttiv taghha, izda l-kumpannija tista' tigi mharrka f'isimha minghajr htiega li jissemmew b'isimhom il-persuni li ghandhom tali rappresentanza legali taghha. L-istess ghandu jghodd ghall-kwalsiasi Kunsill Lokali Malti.

B'mod *obiter*, it-Tribunal, b'dan il-pronunzjament, ma qedx jghid illi jekk Kunsill Lokali jigi imharrek (jew anke jekk dan jiftah kawza) bin-nomenklatura specifika "*Sindku u Segretarju Ezekuttiv ghan-nom u in rappresentanza ta'* ..." hija haga skorretta jew hazina. Tali nomenklatura hija wkoll tajba.[2] Li qed jinghad fil-prezenti huwa li l-istess nomenklatura m'hijiex wahda imperattiva jew necessarja ghall-validità tal-proceduri l'ghaliex il-Kunsill Lokali jista' jitnizzel b'ismu *proprio* (kemm bhala konvenut u kif ukoll bhala attur) in forza ta' l-Art. 3(2) tal-Kapitolu 363 citat *supra*.[3] F'entrambi s-sitwazzjonijiet, jew xenarji, il-parti litigandi hija, u dejjem tibqa', il-Kunsill Lokali in kwistjoni.

---

[2] B'ezemplari ssir referenza, fost numerevoli ohra, dawn il-kazijiet: **Teresa Maria sive Tessa Anastasi et v. Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar et** (Appell Inferjuri, 23 ta' Novembru, 2015); **E.W. Enterprises Ltd et v. Sindku u Segretarju Esekuttiv, Kunsill Lokali San Giljan et** (Prim'Awla, 16 ta' Marzu, 2017); **Joseph Grima et v. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv ghan-nom ta' Kunsill Lokali Victoria** (Qorti tal-Magistrati [Ghawdex], Gurisdizzjoni Superjuri, 27 ta' Gunju, 2017); **Paul Magri et v. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv, Kunsill Lokali Qormi et** (Prim'Awla, 31 ta' Ottubru, 2017); **Mar-Pierre Estates Limited v. Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Hal Qormi et** (Prim'Awla, 30 ta' Jannar, 2018); **Argus Insurance Agencies Limited et v. Sindku u Segretarju Ezekuttiv Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 7 ta' Novembru, 2019); **Argus Insurance Agencies Limited et v. Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Naxxar et** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 21 ta' Novembru, 2019); u **L-Avukat Dottor Stephen Muscat noe v. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali San Giljan** (Appell Inferjuri, 25 ta' Gunju, 2021).

[3] Bhala ezempju jigu senjalati, fost bosta ohrajn, dawn il-kazijiet: **Olive Gardens Investments Limited v. Kunsill Lokali Zejtun** (Appell Superjuri, 28 ta' April, 2017); **Lawrence Farrugia noe et v. Kunsill Lokali Birgu** (Bord Li Jirregola l-Kera, 29 ta' Mejju, 2018); **Untours Insurance Agents Limited et v. Kunsill Lokali Qormi et** (Appell Inferjuri, 7 ta' Ottubru, 2020); **Sandro Caruana v. Kunsill Lokali Marsa et** (Appell Superjuri, 25 ta' Frar, 2021); **Alistair Bezzina v. Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar** (Appell Superjuri, 17 ta' Marzu, 2021); **Matthew Galea v. Kunsill Lokali Zabbar** (Appell Inferjuri, 12 ta' Mejju, 2021); **Elmo Insurance Limited et v. Kunsill Lokali Pembroke et** (Appell Inferjuri, 16 ta' Gunju, 2021); u **Mark Carabott et v. Kunsill Lokali Fgura et** (Prim'Awla, 28 ta' Gunju, 2021).

**GHALDAQSTANT**, ghall-motivi u kunsiderazzjonijiet hawn fuq imwettqa, u konsistentement maghhom, it-Tribunal qed jiddeciedi dan l-episodju partikolari billi jichad l-ewwel eccezzzjoni tal-Kunsill Lokali konvenut u jiddikjara li l-istess Kunsill Lokali gie sew imharrek f'dan il-procediment u, ghalhekk, m'hemmx lok li jkun hemm korrezzjoni, lanqas kif domandat fir-rikors ta' l-atturi datat 8 ta' Lulju, 2021.

In vista ta' dan id-dispozittiv, it-Tribunal, ghalhekk, jordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' din id-decizjoni preliminari huma rizervati ghall-gudizzju finali dwar il-mertu tal-kaz.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*